# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 7 ta' Lulju, 2025

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 24/2023 ISB**

**Martin Micallef [Karta Identita' Numru 508180(M)]; Godwin Micallef [Karta Identita' Numru 574281(M)]; Christian Paul Micallef [Karta Identita' Numru 68588(M)] f'isimhom propju u bħala eredi ta' Carmnu Micallef [Karta Identita' Numru 100751(M)] u Maria F. Micallef [Karta Identita' Numru 657949(M)]**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat u b'digriet tas-17 ta' Frar, 2023 is-soċjeta' assikuratriċi Elmo Insurance Limited C-3500 ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis***

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Martin Micallef et**, intavolat fil-25 ta' Jannar 2023, li permezz tiegħu, talbu lil din il-Qorti sabiex:

> *1. Tiddikjara illi t-rikorrenti sejrin isofru leżjoni tad-drittijiet tagħhom taħt il- Kostituzzioni u l-Knvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem bill-metodoloġija u l-liġi Maltija għal dak li jirrigwarda likwidazzioni ta' danni ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 tal-Konvenzioni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*
>
> *2. Taght kull rimedju illi huwa adegwat u effettiv sabiex jiġi indirizzat il-ksur tad-drit fundamentali.*

U dan wara illi ppremettew:

> *1. Illi missier ir-rikorrenti, Carmnu Micallef, li kien mwieled fit-tlettax (13) ta' Dicembru elf disa' mija u ħamsin (1950) u li kien detentur tal-karta tal-identita' numru 0100751M kien qiegħed fug xogħol meta kawża ta' aċċident huwa miet nhar it-tlieta (3) ta' Frar 2022.*
>
> *2. Illi skont il-liġi Maltija, b'mod partikolari, il-Kodiċi ċivili fl-artikolu 1031, "Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu."*
>
> *3. Illi, l-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jiddeskrivi kif jitqiesu d-danni,*
>
> *"(1) l-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf t' qligh li tbati l' quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib:*
>
> *Iżda fil-każ ta' danni li jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt i-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkun suġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija taħt il-Titolu VIII tal-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi, sal-limitu massimu ta' ghaxart elef euro (€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammont massimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, id-danni li jrid jiġi riparat għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawzati li-rikorrent. (2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġistabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

*4. Illi, ir-rikorrenti, illi huma l-eredi ta' Carmnu Micallef, huma intitolati li jistitwixxu proċeduri għal ħlas tad-danni kontra min huwa responsabbli ghall-mewt tal-missier u dana kif tippermetti l-ligi fl-artikolu 1046 tal-Kodiċi Ċivili,*

*"Jekk le minħabba l-għemil li jagħti lok ghad danni xi ħadd imut, il qorti lista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, skont id dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan."*

*5. Ili l-Qrati Maltin meta jiġu għal komputazzioni tad-danni jistrieħu fuq il-liġijiet ikkwotati hawn fuq iżda wkoll jaddottaw il-formola matematika li kienet ġiet stabbilita fis-sentenza ta' <u>Michael Butler vs. Peter Christopher Heard</u> nhat it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Diċembru elf disa' mija sebgħa u sittin (1967) fejn il-Qorti tal-Appell ħarġet b'test illi baqa' jintuża sal- lum il ġurnata meta wieħed jiġi biex jikkalkula d-danni illi wieħed soffra minnhom.*

*6. Illi, skont din il-formola, id-danni huma ikkalkolati kif ġej, il-persentaġġ ta' disabilita', is- salarju ta' kemm wieħed jaqla paga u kemm għad fadallu żmien jaħdem.*

*7. Illi, din il-metodoloġija ta' likwidazzioni tad-danni addottata mill-Qrati Maltin illum saret parti mid-dritt Malti.*

*8. Illi din il-metodoloġija u likwidazzjoni hija leziva mid-drittijiet tar-rikorrenti stante illi tivjola d-dritt illi wieħed ma jiġix diskriminat abbażi ta' sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzionali jew soċjali, assoċjazzioni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew status iehor, inkluz l-eta'.*

*9. Illi, fil-każ in kwistjoni d-diskriminazzjoni li se jsofru hija li ser jiġu preġudikati minħabba l-fatt biss tal-eta' tad-decuius.*

*10. Illi, il-liġi, kemm nazzionali kif ukoll dik Ewropea, ma tippermettix illi wieħed jiġi diskriminat. Fil-fatt, l-artikolu 45 tal-Kostituzzioni ta' Malta jghid illi, "(1) Bla ħsara ghad-disposizionijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu ebda liġi ma ghandha taghmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nfisha jew fl-effetti tagħha". Is-subinciz (3) tal-istess artikolu jipprovdi illi fl-artikolu il-kelma "diskriminatorju" tfisser "ghoti ta' trattament differenti li diversi persuni attribwibbli għal kollox jew principalment ghad-deskrizioni taghhom rispettiva skont ... is-sess li minhabba fiha persuni ta' deskrizzioni wahda bhal dawn ikunu soggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijet li persuni ta' deskrizioni ohra bhal dawn ma jkunux soggetti ghalihom ...". Illi pero' sabiex japplika l-istess artikolu 45 (1)*

*xorta ma jridx ikun kaz li jaqa' taht is-subartikoli (4) (5) u (7) talistess artikolu, tant li l-istess subartikolu jaghmel eccezioni ghalihom fl-istess subartoklu (1)."*

*11. Ili, l-artikolu 14 tal-Konvenzioni Ewropea ukoll jistqarr illi, "It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-konvenjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni poltika jew opinjoni oħra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjomi ma minoranza nazzjonali, propjeta', twelid jew status iebor."*

*Il-kliem "status iehor" f-artikolu 14 ġeneralment ingħataw tifsira wiesgħa, u l-interpretazzioni tagħhom ma gietx limitata għal karatteristiċi li huma personali fis-sens il huma innati jew inerenti [App. Nru. 42184/05, u App. Nru. 7205/97), Fil-fatt, il-Qorti irrikonisxiet ili l-eta' tista' taga' taht il-kuncett ta" "other status" ghal-finijiet tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni [App. Nru. 25762/07).*

*12. Illi, din il-kawża qiegħda ssir abbażi tal-***Artikolu 46 tal-Kostituzzioni ta' Malta** *illi jgħid, "Bla hsara ghad dispożizzjonijiet tas-subartikoli (6) «(7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid dispożizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzioni tkun giet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li L-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista, bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar listess ħaġa li tkun tista ssir legalment, titlob lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju...". Għalhekk, din il-kawża qiegħda issir issa għaliex il-Kostituzzioni tippermetti illi wieħed jagħmel azzjoni Kostituzzionali anki meta jkun hemm biża illi d-drittijiet mogħtija lilu se jigu leviżi.*

*13. Illi, l-istess Artikolu 46 tal-Kostituzzioni jgħid illi, "Iżda l-Qorti tista, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra' Iżda, din l-Onorabbli Qorti hija mitluba sabiex iżżomm f'moħħa illi din mhux ir-regola iżda eċċezzioni ghar-regola. Għalhekk, din l-Onorabbli Qorti hija mitluba sabiex timxi mar-regola tal-Kostituzzjoni. U mhux, bħal istanzi oħra, tqis illi r-rimedji l-oħra ma humhiex ezawriti għaliex hija l-Onorabbli Qorti biss illi tista' tagħti rimedju illi huwa adegwat u effettiv.*

*14. Illi r-rikorrenti ma jistawx jirrikorru lill-Qrati Ordinarji qabel ma jagħmlu din l-azzjoni għaliex ma hemm l-ebda rimedju illi jistaw jagħtuhom il-Qorti Ordinarji illi jindirizza il-leżjoni li sejrin isofru.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-30 ta' Jannar 2023 u li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għas-27 ta' Frar 2023 fid-9:30 a.m.

Rat ir-**rikors** tas-soċjeta' assikurattriċi **Elmo Insurance Limited** tal-15 ta' Frar 2023 (fol 9) u li permezz tiegħu talbet li tintervjeni fil-proċeduri odjerni *in statu et terminis* u dana stante li l-proċeduri odjerni jikkonċernaw inċident awtomobilistiku li fih kienet involuta vettura li kienet koperta minn polza ta' assikurazzjoni maħruġa mill-istess soċjeta' u għalhekk għandha interess ġuridiku, leġittimu dirett u attwali f'dawn il-proċeduri.

Rat id-**digriet** tagħha tas-17 ta' Frar 2023, li permezz tiegħu laqgħet it-talba tas-soċjeta' assikurattriċi Elmo Insurance Limited.

Rat ir-**risposta** tal-**Avukat tal-Istat** tal-20 ta' Frar 2023 (fol 12) u li permezz tagħha eċċeppixxa:

1. *Illi, **preliminarjament**, **din il-kawza hija intempestiva, u ipotetika, u ghaldaqstant irrita**, u dan stante li, al di la` minn kull kunsiderazzjoni ohra, il-Qrati taghna ma humiex marbutin japplikaw il-formula tal-casus classicus **Butler vs Heard**, u tassew hemm gurisprudenza ta' kazijiet konsimili fejn il-Qrati iddipartixxew mill-applikazzjoni tal-formula. Il-Qorti tal-Appell stess kienet stqarret, f'**Butler vs Heard**, illi "Dana mhux l-uniku metodu possibbli". **Ir-rikorrenti ghalhekk ma jistghux ikunu jafu kif il-Qrati ordinarji ser jiddeciedu l-kaz li bi hsiebhom jintavolaw, qabel dak l-iter gudizzjarju effettivament jittiehed mir-rikorrenti stess, u jwassal ghal decizjoni favur taghhom – dan jinghad ukoll stante li r-rikorrenti qeghdin jassumu li ser ikollhom danni likwidati favur taghhom meta l-kawza jistghu jitilfuha wkoll**;*

2. *Illi **preliminarjament**, u minghajr pregudizzju ghall-premess, peress li huwa car li l-lanjanza tar-rikorrenti tirrigwarda l-process ta' likwidazzjoni ta' danni li jippretendu li ghandha ssir favurihom f'proceduri futuri, **tassew ir-rikorrenti ghandhom rimedji ordinarji disponibbli ghalihom li ma uzufrewewx minnhom** – il-Qrati Civili stess jistghu dejjem jiddipartixxu mill-formula klassika jekk jidhrilhom li jkun izjed gust li jsir hekk, u jekk ir-rikorrenti jibqghu mhux sodisfatti bl-ezitu tal-kawza civili taghhom, ghandhom dejjem id-dritt tal-appell sabiex id-danni li jirreklamaw jizdiedu, jekk tassew ikollhom raguni tajba jippretendu tali zieda. Dan ir-rikorrenti jafuh ben tajjeb stante li fir-rikors promotur huma diga` jipprovaw jilqghu ghall-eccezzjoni tar-rimedju ordinarju qabel din ma lahqet inghatat. Ghaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti hija mistiedna biex tiddeklina milli tisma' u tiddeciedi din il-kawza ai termini tal-*

*Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi* ***preliminarjament****, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti ghandhom igibu l-prova tal-interess guridiku/victim status taghhom sabiex jintavolaw dawn il-proceduri ghaliex s'issa jidher biss li qed jigi allegat ksur in vacuo;*

4. *Illi* ***fil-mertu****, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, u dan stante, kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, li mhux minnu li r-rikorrenti sejrin isofru lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom, kuntrarjament ghal dak allegat minnhom;*

5. *Illi qabel xejn, ma tistax tinsab lezjoni ta' dritt fundamentali abbazi ta' dak li huwa biss spekulazzjoni dwar x'jista' jkun l-ezitu ta' kawza [vide, ghalkemm dwar drittijiet proprjetarji, il-principju enuncjat f'pagna 17 tas-Sentenza fl-ismijiet* ***Franco Buttigieg pro et noe et vs Avukat Generali et****, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' April 2021];*

6. *Illi għalkemm azzjoni dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tista' ssir anke meta d-dritt ikun "x'aktarx" ser jigi lez, dana ma jfissirx illi "l-Prim Awla (fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha) jew din il-Qorti ghandhom jiddeciedu kwistjonijiet jew fl-astratt jew fl-ipotesi li tavvera ruhha xi kontingenza partikolari.", iżda "il-fatti jridu jkunu tali li jistghu jwasslu ragjonevolment ghal stat ta` fatt determinat" [vide* ***Glenn Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et****, 7 ta` April 2003];*

7. *Illi l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ma hux applikabbli wkoll stante li l-lanjanza tar-rikorrenti ma tinkwadrax taht xi wahda mill-kapijiet indikati mill-istess Artikolu 45;*

8. *Illi fir-rigward tal-Artikolu 45, dan jipproteġi l-individwu kontra diskriminazzjoni. Precizament x'jikkostitwixxi diskriminazzjoni u meta dan jista' jsehh huwa spjegat fis-subartikolu (3):*
   *"(3) F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu*

*mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta'deskrizzjoni oħra bħal dawn."*

9. *Illi minn dan jirriżulta li meta persuna tallega li sfat vittma ta' diskriminazzjoni, hi trid tindika abbażi ta' xiex hi sofriet dik id-diskriminazzjoni. Hi trid turi li ġiet trattata b'mod differenti minħabba r-razza, post ta' oriġini, opinjoni politika, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru. Il-lista indikata fl-Artikolu 45 hi waħda eżawrjenti; ma tistax tirnexxi azzjoni bbażata fuq l-Artikolu 45 mingħajr ma jintwera li kien hemm trattament differenti abbażi ta' wieħed jew aktar mill-klassifiki surreferiti.*

10. *Illi inoltre, l-esponent jeccepixxi li l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ma hux applikabbli ghall-kaz de quo, u dan stante li r-rikorrenti ma humiex qed jattakkaw Ligi kif l-Artikolu 45 jipprospetta, izda l-metodologija li jadottaw il-Qrati Civili, u konsegwentement id-diskrezzjoni taghhom, fil-process ta' likwidazzjoni ta' danni, bl-uzu ta' formula li tohrog mill-gurisprudenza u mhux mil-Ligi;*

11. *Illi fir-rigward tal-artikolu 14, l-esponent jirrileva illi ma tista' tirrizulta ebda lezjoni hawnhekk lanqas. Min jallega d-diskriminazzjoni jehtieg ikun f'pożizzjoni adegwata li jqabbel lilu nnifsu ma' klassi ta' persuni oħra li jkunu ġew trattati b'mod vantaġġjuż jew inqas żvantaġġjuż minnu. Naturalment, il-paragun li minnu jeħtieġ li toħroġ id-distinzjoni li hi l-bażi tar-reklam ta' diskriminazzjoni timporta żewġ elementi u ċjoè li l-lanjant ma ġiex trattat b'ċertu mod, waqt li ħaddieħor fl-istess ċirkostanzi, (in pari condizione) ġie jew kien ġie trattat b'ċertu mod jew li ħaddieħor fl-istess ċirkostanzi ma ġiex. Fi kliem ieħor, irid isir paragun bejn l-iżvantaġġjat u l-ivvantaġġjat fuq terren ta' ċirkostanzi pari [vide* ***Avukat Dottor Louis Galea nomine vs. il-Kummissarju tal-Pulizija et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Jannar 1990];*

12. *Illi mhu qed issir ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti u lanqas ma huwa minnu li l-eta` tad-danneggjat huwa fattur ta' impediment fl-ghoti tad-danni bl-applikazzjoni tal-formula* ***Butler vs Heard****. Ma hemm ebda barriera imposta bl-eta` biex persuna titlob u tigi akkordata danni, u dan kuntrarjament ghall-mertu ta'* ***Schwizgebel vs Switzerland*** *(App. 25762/07), li r-rikorrenti jaghmlu referenza ghaliha fir-rikors promotur, liema kawza trattat ir-rifjut ta' adozzjoni minhabba diskrepanza fl-eta` bejn l-adottant u t-tarbija;*

13. *Illi mhux talli hekk, talli l-Qrati taghna taw diversi Sentenzi fejn persuna li tkun qabzet l-eta` pensjonabbli [u kwindi l-hajja lavorattiva intemmet ghall-iskop tal-formula] inghataw danni billi inghataw multiplier idonju sabiex id-danneggjat jircievi kumpens xieraq. Il-Qrati taghna gharrfu li ma jkunx gust li d-danneggjat ma jinghatax lucrum cessans, qua telf ta' qliegh futuri, semplicement ghaliex il-hajja lavorattiva intemmet, u l-gurisprudenza nostrali evolviet f'dan is-sens.*

14. *Illi, fuq kollox, jekk l-antekawza tar-rikorrenti kien f'xi sitwazzjoni unika li għaliha ma tahsibx il-formula, dan kollu seta' gie argumentat b'kawza ghad-danni quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili iżda minflok ir-rikorrenti qiegħdin jinfaxxaw rashom qabel jaqsmuha u jassumu li l-Qorti Civili ser tiskarta kull argumentazzjoni magħmula minnhom;*

15. *Illi, dato ma non concesso li f'kaz li r-rikorrenti jipprocedu b'kawza civili ghad-danni, Qorti Civili thoss li jkun idonju li tigi applikata l-formula* **Butler vs Heard**, *il-formula in ezami hija msejsa fuq kriterji u ragunijiet oggettivi li jiehdu in konsiderazzjoni l-hajja tad-danneggjat, minghajr ebda forma ta' diskriminazzjoni, u hija ghodda utli u importanti sabiex Qorti Civili tillikwida kwalunkwe kumpens li parti danneggjata jkun haqqha. Dan ma jfissirx li l-formula hija perfetta izda certament kienet , ghadha u tibqa' ghodda importanti ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja f'diversi kawzi, tant li l-Qorti tal-Appell kienet stqarret li "hu metodu sostanzjalment gust u prattiku";*

16. *Illi dak li jippretendu r-rikorrenti huwa perikoluz stante li qeghdin effettivament jippretendu li jindahlu u jissostitwixxu d-diskrezzjoni tal-Qrati Civili fl-ghoti ta' danni. Filwaqt illi jigi ribadit li l-lanjanza taghhom ma hiex fondata fil-fatt u fid-dritt, sentenza favorevoli ghar-rikorrenti, tkun tfisser illi d-diskrezzjoni stess tal-Qrati se tigi mittiefsa, u dan m'ghandux ikun permissibbli;*

17. *Illi ghar-ragunijiet kollha moghtija, l-esponenti jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talbiet tar-rikorrenti bhala frivoli u vessatorji;*

18. *Salv eccezzjoni ulterjuri.*

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-23 ta' Frar 2023 (fol 16) u li permezz tiegħu talbu ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet ta' din il-Qorti tas-17 ta' Frar 2023

stante li huma ma ngħatawx opportunita' jwieġbu għar-rikors tal-15 ta' Frar 2023.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2023, il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti li jressqu sottomissjonijiet għar-rikors tagħhom tat-23 ta' Frar 2023 u d-digriet tas-17 ta' Frar 2023.

Rat in-nota tar-rikorrenti tas-6 ta' Marzu 2023 (fol 21) in ottemporanza mal-verbal tas-27 ta' Frar 2023.

Rat id-**Digriet** tagħha tat-8 ta' Mejju 2023 li permezz tiegħu l-Qorti ddeċidiet is-segwenti:

> *Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qed tgħaddi biex tiċħad it-talba tar-rikorrenti għar-revoka contratio imperio tad-digriet ta' din l-istess Qorti tas-17 ta' Frar 2023 kif magħmulha fir-rikors tagħhom tat-23 ta' Frar 2023.*

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 2023, ir-rikorrenti ppreżentaw nota (fol 39) b'affidavit ta' **Martin Micallef** (fol 40 sa fol 41) kif ukoll *pen drive* (fol 42) b'kopja ta' l-Inkjesta Maġisterjali redatta mill-Maġistrat Inkwerenti referibbli għall-inċident mertu tal-kawża.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2023, ir-rikorrenti ppreżentaw nota (fol 44) b'numru ta' deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea li jitrattaw il-punti mqajjma fir-rikors promotur kif ukoll numru ta' sentenzi lokali rigwardanti l-kwantifikazzjoni tad-danni (fol 45 sa fol 206).

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2024, ir-rikorrenti ppreżentaw nota (fol 209) b'sensiela ta' dokumentazzjoni rigward kif jiġi mħaddem il-mekkaniżmu tal-kumpens għal danni sofferti f'ġurisdizzjonijiet esteri (fol 210 sa fol 251).

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju 2024, ir-rikorrenti ppreżentaw nota (fol 253) li permezz tagħha ppreżentaw dokument dwar kif jiġi mħaddem il-mekkaniżmu tal-kumpens fir-Repubblika Irlandiża (fol 254 sa fol 283). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti li ma kellhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Ġunju 2024, bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti ddikjarat il-provi tal-partijiet kollha magħluqa.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali estensivi tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2025, wara li semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, bi qbil ma' l-istess difensuri, il-kawża tħalliet għal-lum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Fl-affidavit tiegħu, **Martin Micallef** jispjega li missieru, Carmelo Micallef miet nhar it-3 ta' Frar 2022 meta kien jinsab fuq il-post tax-xogħol ġewwa Birżebbuġa fejn kien qed jaħdem għas-soċjeta' G&P Borg Limited (C-16209). Hu kien ġie dikjarat mejjet fuq il-post ftit ħin wara li seħħ l-inċident.

Jgħid li l-inċident ħalla lilu u lil qrabatu fi stat ta' perplessita' u xokk. Jispjega li huma ħadu d-deċiżjoni li jieħdu parir legali sabiex jifhmu aħjar x'rimedji legali kien hemm għad-dispożizzjoni tagħhom. Jgħid li fit-23 ta' Novembru 2022 ppreżentaw ittra ġudizzjarja kontra Elmo Insurance Limited, Davide Manunta u s-soċjeta' G&P Bog Limited, li permezz tagħha żammewhom responsabbli għad-danni li huma kkaġunaw lilhom per konsegwenza tal-fatt li Carmelo Micallef spiċċa miet fuq il-post tax-xogħol sforz negliġenza attribwibbli lil dawn l-istess persuni.

Jispjega li wara li tkellmu mar-rappreżentanti legali tagħhom u wara riċerka li għamel rigward kawżi simili ta' natura ċivili li kienu deċiżi ġewwa l-Qrati tagħna dwar kumpens li ġie likwidati lil familjari ta' bniedem li safa' mejjet sforz negliġenza ta' terzi, wasal għall-konklużjoni li l-kumpens mogħti f'dawn il-kawżi huwa wieħed żgħir li ma jirriflettix il-valur tal-ħajja tal-bniedem. Jikkontendi li jiġri partikolarment fejn il-vittmi jkunu anzjani fejn il-kumpens ikun ferm inqas. Jispjega li qiegħed jemfasizza l-fattur tal-eta' stante li missieru kellu wieħed u sebgħin sena meta seħħ l-inċident u miet.

Isostni li hu flimkien mar-rikorrenti l-oħra huwa tal-fehma li f'dawn iċ-ċirkostanzi se jkun hemm lok ta' diskriminazzjoni akuta minħabba l-fatt li l-imsemmija formula stabbilita mis-sentenzi ma tirriflettix kemm-il valur tal-ħajja tal-bniedem kif ukoll il-kumpens adegwat li għandu jiġi likwidat favurihom.

Jispjega li huwa għalhekk li hu u ħutu intavolaw il-proċeduri odjerni.

Ir-rikorrenti ppreżentaw kopja elettronika tal-Inkjesta Maġisterjali fir-rigward tal-inċident li seħħ fit-3 ta' Frar 2022 fejn safa mejjet Carmnu Micallef, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha.

Ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll is-segwenti deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

**Alfred Attard v Carmel Grima** – deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Lulju 2010

**Mary Mifsud vs Malta Public Transport Services (Operations) Limited** – deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Lulju 2019

**Alfred Zammit vs Anthony Grima** – deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Lulju 2018

**Guzeppi Grech u matru Golina Grech vs Emanuel Sultana u martu Marthese Sultana** – deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fl-24 ta' Ġunju 2008.

**Joanne Darmanin pro et noe vs Manuel Camenzuli** – deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Ġunju 2023

**Maria Concetta Mifsud vs Jean Paul Micallef et** – deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu 2022

**Carvalho Pinto de Sousa Morais v Portugal** – deċiża mill-Qorti Ewropea deċiża fl-20 ta' Ġunju 2017

**Diaconu and Others vs Romania** – deċiża mill-Qorti Ewropea fit-23 ta' Ġunju 2022

Ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll dokumentazzjoni rigward kif jiġi mħaddem il-mekkaniżmu tal-kumpens għad-danni sofferti fil-Belġju, Franza, l-Irlanda u l-Italja, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi stabbiliti l-fatti u wara li l-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ser tgħaddi biex tiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni preliminari imressqa mill-Avukat tal-Istat.

**<u>Eċċezzjoni li l-proċeduri huma ta' natura ipotetika u intempestiva u eċċezzjoni fir-rigward tan-nuqqas t'eżawriment tar-rimedju ordinarju</u>**

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-Avukat tal-Istat isostni li l-proċeduri odjerni huma ta' natura ipotetika in vista tal-fatt li r-rikorrenti ma jistgħux raġonevolment jantiċipaw il-mod u manjiera kif il-Qrati ordinarji ser jillikwidaw danni a favur tagħhom, kif ukoll li r-rikorrenti ma rrikorrewx għar-rimedji ordinarji li tippermetti l-liġi.

Filwaqt li permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu, l-Avukat tal-Istat jeċċeppixxi n-nuqqas t'eżawriment tar-rimedju ordinjarju.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni, l-**Avukat tal-Istat** isostni li r-rikorrenti jiffukaw il-każ tagħhom fuq il-possibilita' li x'aktarx ser isofru leżjoni iżda fil-fehma tiegħu dan huwa intempestiv stante li qabel ma ssir il-kawża għad-danni ma jistgħax jiġi stabbilit jekk tassew Qorti ordinarja kienitx ser tapplika l-formula ta' **Butler vs Heard**.

Jispjega li f'każ li tassew ir-rikorrenti jipproċedu b'kawża għad-danni, li l-eżitu tagħha jkun favurihom u ma jkunux kuntenti bid-danni likwidat - huma imbagħad għandhom rimedju quddiem il-Qorti tal-Appell biex jitolbu reviżjoni tal-ammont likwidat favurihom. Jgħid li naturalment dan id-dritt mhux neċessarjament jwassal għall-eżitu mixtieq mir-rikorrenti iżda jkollhom l-opportunita' li jressqu l-argumentazzjoni tagħhom.

Isostni li l-eżawriment tar-rimedju ordinarju huwa intiż sabiex ir-rimedju kostituzzjonali jibqa' wieħed eċċezzjonali fejn ir-rieda tal-leġiżlatur kienet li kawża kostituzzjonali ma tintużax flok rimedju ċivili u dana stante li r-rimedju tajjeb u effikaċi għandu jassigura li ma jkunx hemm leżjoni mill-bidunett.

Għalhekk isostni li huwa biss wara li r-rikorrenti jkunu ntavolaw il-proċeduri għad-danni quddiem il-Qorti ordinarja, fejn ikollhom l-opportunita' li jressqu l-argumenti kollha tagħhom u, f'każ li jħossuhom aggravati b'dik id-deċiżjoni, jappellaw mill-istess u għal darb'oħra jressqu l-argumenti tagħhom, li r-rikorrenti jistgħu jikkunsidraw hemmx lok li d-drittijiet fundamentali tagħhom setgħux ġew leżi.

Imbagħad fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-**Avukat tal-Istat** fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni jispjega li din il-kawża hija intempestiva u ipotetika u dan stante li hemm ġurisprudenza fejn il-Qrati tagħna ma applikawx il-formula **Butler vs Heard** u f'dak il-każ il-Qorti tal-Appell għamlitha ċara li l-formula ma kinitx l-unika metodu possibli. Isostni li l-argument tar-rikorrenti huwa wieħed ipotetiku fejn ir-rikorrenti għadhom lanqas biss intavolaw kawża għad-danni u qed jassumu wkoll li jekk kemm -il darba ssir l-istess kawża ser jirbħuha.

Jikkontendi għalhekk li t-talbiet huma wkoll intempestivi għax mhux talli r-rikorrenti jridu jirbħu l-kawża għad-danni talli dik il-Qorti trid tkun applikat il-formula **Butler vs Heard** u tali danni ma jkunx għas-sodisfazzjon tar-rikorrenti.

Oltre' minn hekk, jgħid li minkejja li l-inċident seħħ fit-3 ta' Frar 2022, ir-rikorrenti ma ġabu ebda prova għajr fl-affidavit ta' Martin Micallef li saret ittra uffiċjali, liema xhieda ma tammontax għall-aħjar prova li setgħet tinġieb quddiem din il-Qorti. Jispjega li l-ġurisprudenza hija ċara dwar il-prinċipju li kemm jista' jkun persuna qabel tressaq azzjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali għandha l-ewwel tinqeda bir-rimedji kollha li jkunu mogħtija lilha taħt il-liġi ordinarja u in sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Olena Tretyak v Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs** deċiża fit-30 ta' Ġunju 2005. Jikkontendi li f'dan il-każ ir-rikorrenti qed jassumu li jiġri x'jiġri huma se jiġu diskriminati.

Isostni li r-rikorrenti qed jagħmlu numru ta' assunzjonijiet li qed jippretendu li tagħmel ukoll il-Qorti u għalhekk hija kawża ipotetika u intempestiva li:

i. Ir-rikorrenti qed jipproponu dawn il-proċeduri fl-ipotesi li tassew iressqu kawża mingħajr ma juru b'mod uffiċjali li effettivament mexjin f'dik it-triq stante in-nuqqas ta' prova tal-ittra uffiċjali;
ii. Ir-rikorrenti qed jippresupponu wkoll li tali kawża jkolluha eżitu favorevoli. Isostni li jekk kemm-il darba t-talbiet tagħhom jiġu miċħuda lanqas biss teżisti l-possibilita' ta' lezzjoni;
iii. Ir-rikorrenti jmorru oltre' u jippresupponu li l-Qorti ser tapplika l-formula **Butler vs Heard** li ma hiex strettament tenuta tapplika. Jikkontendi li wieħed jistenna li semai f'dak l-istadju tal-kawża r-rikorrenti jagħmlu l-argumenti tagħhhom sabiex il-formula ma tiġix applikata;
iv. Ir-rikorrenti terġa' jmorru oltre' u jippresupponu li meta tiġi applikata l-imsemmija formula, mhux ser ikunu kuntenti bid-danni hekk likwidati;
v. Ma hux skontat li effettivement kawża għad-danni se tintrebaħ, kuntrarjament għal dak li jagħtu x'jifhmu r-rikorrenti.

Oltre' minn hekk, jissottomettu li l-Qrati m'għandhomx jiddeċiedu kwistjonijiet fl-astratt jew fl-ipotesi li tavvera ruħha xi kontinġenza, u dan b'referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Glenn Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża fis-7 t'April 2003.

Fit-**trattazzjoni** tiegħu jemfasizza l-fatt li biex wieħed jara effettivament teżistix aspettativa leġittima jrid ikun ġie assertit d-dritt u huwa għalhekk li tqajjmet il-kwistjoni dwar jekk verament saritx jew le l-ittra uffiċjali.

**Ir-rikorrenti,** da parti tagħhom, jissottomettu f'dan ir-rigward, illi ai termini tal-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni, persuna jista' jirrikorri quddiem dawn il-Qrati mhux biss wara li l-allegat ksur ta' jedd fundamentali ikun effettivament seħħ iżda anke jekk hija raġonevolment taħseb li dritt li hija qed tippretendi li għandha jista' jiġi leż. Isostnu li r-rikorrenti għandhom preokkupazzjoni raġonevoli li tiġġustifika l-istituzzjoni tal-proċeduri odjerni f'dan l-istadju. Jikkotendu li huma għandhom twemmin raġonevoli li l-Qrati Ċivili ser japplikaw l-istess metodu tal-*multiplier* fil-konfront tagħhom meta tiġi biex tikkwantifika d-danni ta' natura *lucrum cessans*. Għalhekk jinsistu li l-leżjoni mhix waħda ipotetika iżda waħda bbażata fuq dak li għamlu l-Qrati nostrani mis-snin sittin sa llum.

B'hekk huma jeħtieġu ġudikat fejn jiġi ddikjarat li dan il-metodu ta' kwantifkazzjoni tad-danni huwa wieħed in fatti leżiv sabiex meta eventwalment jintavolaw dawk il-proċeduri il-Qorti ma tapplikax il-formula. Jelenkaw numru ta' deċiżjonijiet tal-Qrati nostani li jirrigwardaw danni mogħtija lil nies penzjonanti[1].

---

[1] **Alfred Zammit vs Anthony Grima** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Lulju 2018, **Maria Concetta Mifsud vs Jean Paul Micallef et** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar 2019, **Guzeppi Grech et vs Emanuel Sultana**

Fit-**trattazzjoni** tagħhom jispjegaw kif l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ma jillimitax l-applikazzjoni biss għal-liġi nnifisha iżda wkoll għall-effetti tagħha u jinsistu li l-mekkaniżmu tal-komputazzjoni tad-danni li ilu għaddej għal snin twal saret parti mposta fil-liġi Maltija. Jispjegaw li ma hemmx il-bżonn li jiftħu kawża għad-danni għax l-aspettativa leġittima tagħhom hi li ħa jintuża dak il-mekkaniżmu.

Il-**Qorti** tqis fir-rigward tal-eċċezzjoni dwar in-nuqqas tal-eżawriment tan-nuqqas tar-rimedju ordinarju u l-intempestivita' l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdi testwalment hekk:

> *"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fid-29 ta' April 2013 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 –

> *"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "**Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*
>
> *"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*
>
> *a. Meta hu ċar li hemm meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi*

---

**et** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri deċiża fl-24 ta' Ġunju 2008, **Mary Mifsud vs Malta Public Transport (Operations) Limited** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Lulju 2019, **Joanne Darmanin pro et noe vs Manuel Camenzuli** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Settembru 2024, **Emanuela Muscat vs Ritienne Chircop** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Mejju 2015.

*ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "***Philip Spiteri vs Sammy Meilaq***" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

……

*Fil-kawża fl-ismijiet "***Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et***" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għarrimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et**" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[2] b'referenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

*"Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli."*[3]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[4]

*"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[5]

---

[2] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005
[3] **Dr Mario Vella vs. Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deċiża 7 ta' Marzu 1994
[4] **Lawrence Cuschieri vs. Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deċiża 6 ta' April 1995
[5] **Stephen Falzon vs. Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deċiża 14 ta' Frar 2002

> *"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[6].

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ir-rikorrenti kellhomx a dispożizzjoni tagħhom rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnhom.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel Hl jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjetà tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[7]:

> *"….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

Isegwi għalhekk, li din il-Qorti jeħtieġ tindaga jekk il-kawża ċivili għad-danni tikkonsistix f'rimedju aċċessibli, xieraq, effettiv u effikaċi. Hawnhekk tosserva l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Insignia Cards Limited vs Il-Korp tal-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et** deċiża fl-1 ta' Diċembru 2021 fejn hija qalet:

> *19. Fis-sentenza **Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et** tal-5 ta' April 1991, intqal hekk:*
>
> *"Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita` ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex minn banda 'l wahda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista' timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat taghha".*

---

[6] **Domenico Savio Spiteri vs. Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deċiża 31 ta' Mejju 2000
[7] Rik 40/10

> *20. Dak li qiegħda ssostni l-attriċi f'din il-kawża jmur lil hinn mill-parametri tal-appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Hu minnu li quddiem dik il-Qorti jistgħu jsiru appelli dwar punti ta' fatt u ta' liġi. Madankollu, f'dak l-appell il-Qorti mhijiex ser tikkonsidra u tiddeċiedi dwar jekk id-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li għalihom irreferiet l-attriċi, jiksrux il-jeddijiet fundamentali protetti taħt Art. 39 tal-Kostituzzjoni u Art. 6 u 7 tal-Konvenzjoni. L-attriċi għandha interess li l-kwistjonijiet li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali jiġu determinati f'dan l-istadju. Saħansitra qiegħda wkoll timpunja l-proċedura stess tal-appell li tipprovdi għalih il-liġi. Mhemm l-ebda garanzija li l-attriċi ser toħroġ rebbieħa fl-appell pendenti.*
>
> *22. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti m'għandhiex dubju li fil-każ in eżami l-attriċi mhijiex tabbuża mill-proċess kostituzzjonali u mhemmx bażi sabiex Qorti tiddeċiedi li ma tqisx l-ilment tal-attriċi minħabba li għandha mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat.*

Il-fattispeċi tal-każ ċitat kienu jikkonsistu f'lanjanza tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, fejn l-intimati kienu eċċepew in-nuqqas t'eżawriment tar-rimedju ordinarju u l-intempestivita' stante li kien għad hemm appell pendenti.

Għalkemm il-Qorti llum għandha quddiemha fattispeċi kompletament differenti u saħansitra lanjanza kompletament diversi, il-prinċipju huwa wieħed u ċioe' li din il-Qorti trid teżamina jekk l-azzjoni suġġerita bħala rimedju ordinarju filfatt twassalx biex teżamina l-lanjanza tar-rikorrenti.

Filwaqt li din il-Qorti taqbel perfettament mal-argument tal-Avukat tal-Istat li r-rikorrenti għandhom l-interess li jintavolaw il-proċeduri u jagħmlu l-argumenti tagħhom f'dan il-każ sabiex il-Qorti ma tapplikax l-insenjament ta' **Butler vs Heard**, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-determinazzjoni tal-kawża għad-danni m'għandhiex is-setgħa li teżamina u tiddikjara jekk tali insenjament jammontax għal-leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti.

Il-Qorti tqis ukoll illi filwaqt li huwa fatt li jista' jkun illi l-eżitu tal-kawża ċivili jkun wieħed favorevoli u ta' sodisfazzjoni għar-rikorrenti, li għalhekk ma kienx ikun jimmerita li ssir din il-kawża, m'hemm l-ebda garanzija ta' dan.

Il-pożizzjoni tar-rikorrenti hija waħda u ċara, permezz tal-proċeduri odjerni jridu jilqgħu għall-lanjanza li tista' eventwalment tavvera ruħha. Kieku r-rikorrenti ma ntavolawx dawn il-proċeduri, seta' verament kien ikun il-każ li l-

lanjanza ma kinitx tavvera ruħha iżda seta' kien ikun il-każ ukoll li tavvera ruħha u kienu jipproċedu quddiem il-Qorti f'dak l-istadju. Ir-rikorrenti ma kellhom ebda garanzija fuq l-ebda eżitu - u f'każ li kienet tavvera ruħha, il-Qorti kienet tagħmel l-istess eżerċizzju, u ċioe' li tevalwa jekk hux verament teżisti l-lanjanza kif spejagata mir-rikorrenti. Għalhekk din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex m'għandhiex tieħu konoxxenza u teżamina l-lanjanza tar-rikorrenti f'dan l-istadju.

Irid jingħad ukoll illi l-Qorti ssib komfort anke fl-istess diċitura ta' l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni hawn fuq riprodott, senjatament meta titkellem fuq il-miżuri illi din il-Qorti tista' tieħu - meta jingħad espressament illi din il-Qorti għanda ġurisdizzjoni *tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, **<u>jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45</u>** (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

Il-Qorti tqis illi dan imur biex ifisser illi l-Kostituzzjoni tagħna tinferixxi fuq din il-Qorti is-setgħa illi l-Qorti tagħti deċiżjonijiet li bihom jkun żgurat li titwettaq kull waħda mid-drittijiet msemmija – u ġja la darba il-provvediment tal-Kostituzzjoni qed jitkellem b'dan il-mod, dan imur biex ifisser illi din il-Qorti għanda s-setgħa illi tisma' u tiddeċiedi kawżi sabiex tiżgura li jkun hemm it-twettiq tad-drittijiet msemmija, bħal f'dal każ, anke fil-kors ta' proċeduri oħra. Allura tqis illi ma hemmx għalfejn ikun hemm il-*fait accompli* u mbaghad wieħed jara kienx hemm leżjoni u jingħata rimedju, imma jfisser illi jekk il-Qorti tħoss illi ser ikun hemm leżjoni, hija tista' tindaga u tiddeċiedi biex tiżgura illi tali leżjoni ma sseħħx.

Il-Qorti tqis dan ukoll b'analoġija għal meta ssir referenza Kostituzzjonali.

L-Avukat tal-Istat jargumenta ukoll li f'dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti lanqas qed juru li qed jagħmlu l-almu tagħhom sabiex jintavolaw il-proċeduri ċivili għad-danni stante li lanqas ippreżentaw quddiem din il-Qorti kopja tal-ittra ġiudizzjarja fl-affidavit ta' Martin Micallef.

Hawnhekk il-Qorti tibda biex tiġbed l-attenzjoni tar-rikorrenti li kienet tkun prova ferm aħjar li kieku l-istess ittra ġiet ippreżentata. Madanakollu la darba kienet ittra ġiudizzjajra, ma kien hemm xejn xi jżomm lil din il-Qorti milli hi stess tieħu konoxxenza tal-ittra u tara l-kontenut tagħha. Hekk għamlet u ħadet konjizzjoni tal-ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili numru 4984/2022 tat-23 ta' Novembru 2022.

B'hekk din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju dwar l-eżistenza tal-istess. Oltre' minn hekk, mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li teżamina jekk kawża ċivili għad-danni tkunx waħda ta' suċċess imma l-kompitu tagħha huwa limitat

sabiex tevalwa jekk tali kawża twassalx biex tindirizza l-lanjanza tar-rikorrenti – li f'dan il-każ kif diġa' ingħad ma twassalx.

**Għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat.**

**<u>Eċċezzjoni dwar il-*victim status* u/jew l-interess ġuridiku tar-rikorrenti</u>**

Permezz tat-tielet eċċezzjoni tiegħu, l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li r-rikorrenti għandhom iġibu l-provi tal-interess ġuridiku u/jew *victim status* sabiex jiftħu l-proċeduri odjerni għan-nom tad-defunt Carmnu Micallef.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-**Avukat tal-Istat** isostni li ma nġiebet ebda prova li turi li tassew ir-rikorrenti huma s-suċċessuri fit-titolu ta' Carmelo Micallef u dana stante li l-unika prova li nġiebet hija dikjarazzjoni f'affidavit li Carmelo Micallef huwa missier r-rikorrenti. Jispjega li filwaqt li l-mewt ta' Carmelo Micallef ġie ben pruvat permezz tal-preżentata tal-atti tal-Inkjesta Maġisterjali, ma nġiebet ebda prova li r-rikorrenti tassew huma l-werrieta tad-decujus u jikkontendi li r-rikorrenti kellhom imqar jesebixxu, flimkien maċ-ċertifikat tal-mewt, ir-riċerki testamentarji jekk hu l-każ, l-aħħar testment tad-decujus. Isostni li la darba dan ma sarx, allura din il-Qorti ma jistax jirriżultalha min tassew wiret lid-decuius u li konsegwentament għandhom dritt leġittimu, interess ġuridiku u *victim status* li jipproponu l-kawża.

**Ir-rikorrenti** jsostnu li din il-prova inġiebet bl-aktar mod suffiċjenti permezz tal-affidavit ta' Martin Micallef fejn ġiet ikkonfermata r-relazzjoni tiegħu u tar-rikorrenti l-oħra ma' Carmnu Micallef u ċioe' li hu missierhom. Jikkontendu li la darba n-ness bejn ir-rikorrenti u d-defunt huwa wieħed ċar u suffiċjenti r-rikorrenti għandhom jiġu meqjusa li għandhom interess fl-istess proċeduri. In sostenn ta' dan jirreferu estensivament għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Edith sive Maria mart Ronald Galea vs Joseph Degiorgio et** deċiża fit-3 ta' Frar 2009.

Fit-**trattazzjoni** tagħhom jgħidu li m'hemmx il-bżonn li r-rikorrenti jippruvaw li huma eredi u dana stante li hemm danni separati minħabba effetti psikoloġiċi li jirriżultaw.

Il-**Qorti** qieset fit-tul l-eċċezzjoni kif mressqa mil-Avukat tal-Istat u dana sabiex tistabilixxi l-livell t'interess ġuridiku li għandu jiġi ppruvat mir-rikorrenti. Il-Qorti tfakkar li dawn mhumiex proċeduri ċivili fejn il-prova tad-dritt li wieħed qed jinsisti dwaru trid tkun waħda assoluta. F'każijiet ta' natura kostituzzjonali huwa biżżejjed li wieħed juri li għandu interess sabiex jintavola l-istess

proċeduri. Oltre’ minn hekk, it-talbiet tar-rikorrenti huma dikjaratorji u filfatt lanqas hemm talba jew xi aspettattiva ta’ kumpens mill-proċeduri odjerni.

Ir-rikorrenti wrew għas-sodisfazzjoni ta’ din il-Qorti li huma ulied id-defunt Carmnu Micallef u li ġew negattivament affetwati b’mewtu. Din il-Qorti, kif ingħad diġa’, ħadet konoxxenza tal-ittra uffiċjali intavolata mill-istess rikorrenti li waħda mir-riċevituri tagħha kienet is-soċjeta’ intervenuta fil-kawża, li da parti tagħha la uriet li mhux taqbel mal-fatt li ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali u lanqas li b’xi mod mhux taqbel li r-rikorrenti mhumiex l-eredi ta’ Carmnu Micallef, anzi talbet propju li tintervjeni f’dawn il-proċeduri sabiex tkun tista tiddefendi d-drittijiet tagħha vis-a-vis l-inċident li seħħ.

**Għalhekk din il-Qorti tqis ruħha sodisfatta li r-rikorrenti għandhom interess ġuridiku sabiex jipproċedu b’din l-azzjoni u ser tgħaddi biex tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.**

## Il-mertu

Ir-**rikorrenti,** fis-sottomissjonijiet tagħhom jispjegaw li l-każ odjern huwa pjuttost wieħed ċar li hu intiż sabiex jindirizza l-mod diskriminatorju ta’ kif il-Qrati Ċivili jikkwantifikaw id-danni vis-a-vis l-eta’ tal-vittma u partikolarment persuni li huma ta’ eta’ ogħla minn dik penzjonabbli u ċioe’ si tratta ta’ allegati leżjonijiet ta’ drittijiet fundamentali li huma emerġenti mill-mod u manjiera ta’ kif danni fil-Qrati Ċivili jiġu kwantifikati.

Jibdew billi jiċċitaw l-Artikoli 1031 u 1045 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta u jgħidu li fihom nnifishom l-Artikoli msemmija mhumiex ta’ natura diskriminatorja iżda huwa l-mod kif jiġu applikati li jwassal sabiex effettivament ikun hemm diskriminazzjoni fil-konfront ta’ ċertu persuni, in vista tal-fatt li tingħata importanza kbira lill-eta tal-persuna danneġġata.

Jirreferu għad-deċiżjoni tal-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Bonello** deċiża fil-25 ta’ Frar 2016 li tirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Michael Butler vs Peter Christopher Heard** deċiża fit-22 ta’ Diċembru 1967 u li stabbiliet il-formula li għandha tintuża sallum. Jispjegaw li s-sistema tal-*multiplier* hija waħda li tagħti importanza assoluta lill-eta’ u huwa kalkolu li jinħadem abbażi tal-eta’ penzjonabbli bir-riżultat li meta wieħed jaqbeż l-eta’ tal-penzjoni u ċioe’ l-eta’ ta’ ħamsa u sittin (65) sena, is-sistema tal-*multiplier* tiġi waħda totalment diskrezzjonarja mingħajr ebda bażi oġġettiva li sservi bħala linja gwida għal ġudikant u għalhekk twassal għal sitwazzjoni fejn nies ta’ eta’ avvanzata jiġu kkumpensati b’somma irriżorja li ċertament ma tirriflettix dak li huwa verament dovut.

B'referenza għad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Galea vs Fenech** deċiża fis-16 ta' Marzu 2004, **Mary Mifsud vs Malta Public Transport Services** deċiża fit-12 ta' Lulju 2019 u **Alfred Attard vs Carmel Grima** deċiża fit-2 ta' Lulju 2010, jispjegaw li l-Qrati, meta jiġu għal-*lucrum cessans,* jieħdu żewġ fatturi in konsiderazzjoni u ċioe' l-eta' ta' dak li jkun u l-aspett lavorattiv u dana fis-sena li l-Qorti tipprova tantiċipa x'inhuma l-prospettivi lavorattivi tal-bniedem danneġġat. Jikkontendu li għalhekk dan il-metodu jikkunsidra biss fatturi limitati tal-ħajja tal-persuna mingħajr ma jagħti importanza ukoll lill-fatturi ulterjuri li jiġu impattati drastikament sforz id-diżabilita' sofferta. Isostnu li nies li jaqgħu f'din il-kategorija għalhekk jiġu kkumpensati b'mod *arbitrio boni viri* li ma jistax jitqies bħala metodu suffiċjenti jew li jpoġġi lil dak li jkun fl-istat li kien ikun fih li kieku ma sofriex id-danni relattivi. Isostnu li sistema fejn wieħed jiddependi mill-ħniena tal-Imħallef ċertament li mhix sistema ekwa u ġusta.

Ir-rikorrenti jagħmlu referenza u jelenkaw kif diversi ġurisdizzjonijiet esteri jikkwantifikaw id-danni fil-Qrati rispettivi:

**Il-Belġju** – sistema magħrufa bħala *The Indicative Table* li hija komposta minn diversi fatturi li jwasslu lil Qrati għal somma li verament tirrifletti iċ-ċirkostanzi tal-persuna danneġġata u l-mod u manjiera kif hija ġiet affetwata sforz l-inċident li fih kienet involuta. Il-fatturi jinqasmu f'żewġ kategoriji: (i) danni temporanji u ċioe' spejjeż mediċi u telf ta' qliegħ, u (ii) spejjeż temporanji u ċioe' inkapaċita personali, domestika u ekonomika. Għalhekk filwaqt li l-eta' xorta tibqa' fattur mhix l-fattur ewlieni jew ċentrali.

**Franza** – *Dintilhac nomenclature* – kalkolu li oriġina minn *working group* fl-2005 li jikkonsisti f'linja gwida pjuttost flessibli li jservi sabiex permezz tiegħu issir kwantifikazzjoni ħolistika u ġusta li twassal sabiex il-persuna terġa' titpoġġa fl-istat li kienet, sa fejn dan huwa possibli.

**L-Irlanda** – *Personal Injuries Guidelines* addottati mill-*Judicial Council* fis-6 ta' Marzu 2021 – l-introduzzjoni tal-istess dokument jgħid b'mod ċar li sabiex wieħed jasal għall-kumpens xieraq irid iħares lejn diversi fatturi fosthom l-eta' li għandha tingħata mportanza ugwali għal fatturi ulterjuri sabiex b'hekk ma ssirx disrkriminazzjoni bla bżonn ma ċertu kategorija ta' nies. Id-dokument jipprovdi *range* monitarju għal kull fattur u b'hekk hemm diskrezzjoni u mhux sempliċiment kalkolu matematiku sabiex wieħed jasal li verament ipoġġi dik il-persuna fil-posizzjoni li kienet.

**L-Italja** – Danno Biologico – kumpens intiż sabiex ikopri l-aspetti tal-ħajja kollha tal-persuna danneġġata biex sa fejn hu possibli l-persuna affetwata tiġi reintegrata għall-istat li kienet fih li kieku hija ma tkunx soffriet danni tal-ebda tip. Dan il-metodu ħa l-post ta' metodu għal kollox diskriminatorju bbażat fuq

l-introjtu tal-vittma u jekk wieħed ma kienx ikollu introjtu kienet tiddeċiedi introjtu xieraq il-Qorti.

**L-Ingilterra** – *Guideline for the Assessment of General Damages in Personal Injury Cases* – jindika li sabiex jiġu kkwantifikati d-danni b'mod ġust iridu jiġu kkunsidrati diversi fatturi sabiex tasal għal punt li tagħti kumpens xieraq. Isir użu minn Odgen Tables jew Blamire Awards fejn jiġru kunsidrati diversi fatturi u xenarji skont iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari bħala kwalita' tal-ħajja, tibdil fid-dipendenza u fatturi oħra.

Ir-rikorrenti jsostnu li filwaqt li ġurisdizzjonijiet oħra evolvew matul iż-żmien fir-rigward ta' kwantifikazzjonijiet ta' danni, Malta baqgħet prattikament l-istess u għadha tuża formola bbażżata unikament fuq l-eta' tal-persuna u l-aspett lavorattiv, liema metodu jista' jwassal għal diskriminazzjoni akuta bejn katergorija differenti ta' persuni fejn anke jekk isofru l-istess dannu, il-kumpens ivarja drastikament minħabba l-eta'.

Oltre' minn hekk l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni huwa ċar li huwa qiegħed hemm biex jassalvagwardja d-diskriminazzjoni abbażi ta' diversi fatturi, fosthom l-eta'. In sosten ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Deaconu vs Romania** deċiża fid-29 ta' Jannar 2019, kif ukoll **Carvalho Pinto de Sousa Morais vs Portugal**.

Jissottomettu li huwa ċar li bniedem ma jistax jiġi trattat b'mod inqas favorevoli sempliċiment minħabba l-eta' tiegħu u s-sistema Malta ta' kalkalu tad-danni hija waħda diskriminatorja u leżiva tad-drittijiet sanċiti bl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fit-**trattazzjoni** tagħhom jikkonfermaw li s-sistema hija bbażata fuq il-prinċipju ta' *restitutio in integrum.* Oltre' minn hekk, jikkjarifikaw li mhux qed jgħidu li l-eta' m'għandhiex tkun fattur iżda ma tridx tkun il-fulkrum, jrid ikun hemm elementi oġġettivi. Isostnu li s-sistema Maltija baqgħet imwaħħla fiż-żmien u l-ftit modifikar li sar tul is-snin mhuwiex biżżejjed.

Minn naħa tiegħu, l-**Avukat tal-Istat** jgħid li ma tistax tinsab lanjanza tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni la darba l-istess artikolu jikkontempla projbizzjoni ta' diskriminazzjoni f'liġi mentri r-rikorrenti jagħmluha ċara li mhux qed jattakkaw liġi. Jirrispinġi l-argument tar-rikorrenti li evoluzzjoni ġurisprudenzjali intiża sabiex tissodisfa l-vot tal-liġi titqies li hija effett ta' liġi.

Oltre' minn hekk isostni l-Kostituzzjoni tagħti hi stess definizzjoni għall-kelma 'diskriminatorju' liema definizzjoni ma tinkludix l-eta' u għalhekk ma jista' qatt ikun hemm leżjoni tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Fir-rigward tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid li filwaqt li dan jagħti lok għal '*status ieħor*' dwar xiex wieħed jista' jallega diskriminazzjoni, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea jemerġi li hemm każijiet[8] fejn huwa ġustifikat li l-Qorti tuża' l-eta' tal-persuna bħala fattur meta tiġi biex tillikwida danni.

Oltre' minn hekk, isostni li biex l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jiġi invokat b'suċċess, irid jiġi invokat konġuntivament ma' Artikolu ieħor tal-Konvenzjoni għax huwa intiż sabiex jipproteġi liċ-ċittadin minn liġi li minnha nnifisha jew l-effett tagħha jista' jikkrea diskriminazzjoni skont il-kapi hemm indikati u għalhekk il-Konvenzjoni trid tipproteġi liċ-ċittadin fit-tgawdija ta' drittijiet oħra li jgawdu fl-istess Konvenzjoni.[9] Jikkontendi għalhekk li la darba r-rikorrenti naqsu milli jagħmlu dan, din il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Avukat tal-Istat ressaq sottomissjonijiet dwar il-mertu u jibda billi jispjega li d-diskriminazzjoni taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea hija definita bħala trattament differenti ta' persuna minn persuni oħra minħabba xi 'status' li din iġġorr bħal dawk espressi fl-artikolu nniffsu. In sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Clift v Ir-Renju Unit**, id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs l-Avukat tal-Istat**, kif ukoll id-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta fl-ismijiet **Susan Mary Fell et vs l-Avukat tal-Istat** deċiża fil-21 ta' Ġunju 2022.

Jagħmel referenza estensiva għad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Michael Butler vs Peter Christopher Heard** deċiża fit-28 ta' Frar 1967 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Diċembru 1967. Isostni li l-elementi li jintużaw għal din il-formula storikament huma:

a. L-introjtu tad-danneġġjat;
b. Il-perċentwali ta' diżabilita – fejn ġiet stabbilit fil-ġurisprudenza li l-mewt jikkonstitwixxi perċentwali ta' 100%;
c. Il-multiplier li solitament jiġi kkalkolat bħala d-differenza bejn l-eta' tad-danneġġjat fil-mument li seħħ is-sinistru, u l-eta' pensjonabbli, b'element ta' tnaqqis biex isir omaġġ għall-prinċipju ta' *chances and changes of life;*
d. Lump sum deduction ta' 20% li jista jitnaqqas għal kull sena li jaħti l-konvenut għal dewmien sabiex id-danneġġjat jiġi kkumpensat u dana stante li s-somma titħallas f'daqqa;
e. F'każ ta' imwiet hemm tnaqqis għal konsum personali;
f. F'każ ta' imwiet il-Qorti tqis ukoll l-element tal-grad ta' dipendenza.

---

[8] Jirreferi għad-deċiżjonijiet fl-ismijiet **Carvalho Pinto de Sousa Morais vs Portugal** u **Schwizgebel vs Switzerland**
[9] In sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Abdulaziz, Cabales and Balkandali** deċiża fit-28 ta' Mejju 1985 u d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Angelo Xuereb vs Kummissarju tal-Puliza** deċiża fis-17 ta' Frar 1999.

Jispjega li l-lanjanza tar-rikorrenti hija limitata għall-element tal-multiplier. Isostni li għalkemm il-formula mhix waħda perfetta, tikkunsidra diversi fatturi bl-għan li tagħti kumpens li jirrifletti t-telf ta' qliegħ futur, fosthom l-eta' tad-danneġġjat.

Madanakollu b'referenza għad-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Carmel Spiteri vs Jonathan Vella** deċiża fl-10 ta' Diċembru 2013, jispjega li l-Qorti ordinarja ma hiex marbuta tapplika l-formula. Oltre' minn hekk, jgħid li l-ġurisprudenza evolviet mis-sena 1967 sa llum fis-sens li l-fatt li d-danneġġjat ikun wasal għall-eta' persjonabbli ma jfissirx awtomatikament li jkollu multiplier baxx jew xejn. Barra minn hekk, jispjega li l-multiplier huwa finalment imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti u hemm saħansitra sentenzi li jagħmlu referenza għal-*life expetancy* li teċċedi it-tmenin (80) sena. In sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Alfred Attard vs Carmel Grima** deċiża fit-2 ta' Lulju 2010[10].

Jikkontendi li ma hemm ebda trattament diskriminatorju u dana stante li fil-kategorija ta' nies trid, jew ta' eta' pensjonabbli ma hemm ebda trattament different state li l-kalkolu magħmul minn kriterji oġġettivi u għalhekk japplika bl-istess mod. Meta mbagħad wieħed iqabbel il-kategorija ta' nies ta' eta' pensjonabbli ma' nies ferm iżgħar, huwa naturali li min hu iżgħar jippretendi aktar kumpens u dana stante li persuna iżgħar għandha oġġettivament aspettativa lavorattiva ikbar u għandha wkoll aspettativa ta' ħajja itwal għal dik ta' persuna ferm akbar. Isostni għalhekk li l-kriterju tal-multiplier li jikkomprendi kunsiderazzjoni ta' eta' huwa neċessarju u jikkonsisti f'element oġġettiv sabiex iwassal għal komputazzjoni ta' danni għal qliegħ futur.

Jinsisti li l-Qrati m'huma bl-ebda mod marbuta li japplikaw l-insenjament ta' **Butler vs Heard** u fil-fatt jelenka numru ta' deċiżjonijiet[11] fejn il-Qorti m'applikatx l-istess insenjament. Isostni li l-likwidazzjoni *arbitro boni viri* jew fuq bażi ta' ekwita' huma metodi differenti, anke jekk mhux perfetti ta' kif jiġi likwidat id-danni.

Jikkontendi li l-fatt waħdu li persuna anzjana jista jkollha multiplier inqas minn persuna iżgħar ma jfissirx li qegħda ssir kwalunkwe diskriminazzjoni nġusta iżda tirrifletti l-esiġenzi lavorattivi u riflessjonijiet dwar il-ħajja. Għalhekk jgħid li għandu jirriżulta li ma hemm ebda vjolazzjoni ta' dritt fundamentali.

---

[10] Kif ukoll **Carmen Pecorella pro et noe vs Lino Stafrace et** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Mejju 2014 u **Joseph Galea et vs Charles Fenech pro et noe** deċiża mill-Qorti tal-Appel fis-16 ta' Marzu 2004.

[11] **Francis Farrugia vs David Darmanin** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Marzu 2002, **Nathalie Bartolo vs Dentist Dr Jeffrey Pullicino Orlando et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Jannar 2022, **Sylvia Rossa vs Etienne Galea** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, **Emanuel Buhagiar vs Kyle Stone et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2007, **Doris Elvira Daley vs Pauline Vella** deċiża mill-Qorti tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni Ġenerali) fid-19 ta' Ġunju 2014, **Guzeppi Grech et vs Emanuel Sultana et** deċiża mill-Qorti tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni Ġenerali) fl-24 ta' Ġunju 2008

Jagħmel referenza għall-posizzjonijiet esteri li għamlu referenza għalihom ir-rikorrenti u jgħid is-segwenti:

1. Belġju – isostni li f'din il-ġurisdizzjoni, l-eta' xorta waħda hija fattur determinanti u s-sistema hija saħansitra simili għal dik ta' **Butler vs Heard;**
2. Franza – isostni li anke f'din il-ġurisdizzjoni l-eta' għandha rwol sinifikanti stante li l-konsegwenzi jkunu għall-aktar tul ta' żmien fuq persuna ta' eta' żgħira;
3. L-Irlanda – jgħid li anke hawn il-fattur tal-eta' jirrafigura f'kull tip ta' dannu kontemplat;
4. L-Italja – jispjega li f'dan il-każ il-Qrati jillikwidaw ukoll danni morali (bħad-danno biologico) li l-liġi Maltija ma tippermettihx f'dawn il-każijiet. Meta mbagħad jiġu għad-danni pekunjarju hemm ukoll titqies l-eta' tal-vittma.

Jikkontendi għalhekk li anke meta wieħed jara l-eżempji esteri miġjuba mir-rikorrenti stess, jirriżulta li l-eta' hija fattur li jiġi kkunsidrat u dana stante li persuna ta' eta' iżgħar hija mistennija li tbagħti għal żmien itwal il-konsegwenzi tad-dannu u b'hekk ir-raġunijiet għad-diskrepanza huma loġiċi, objettivi, fattwali u raġjonevoli.

Għalhekk jinsisti li anke fil-mertu din il-Qorti m'għandha bl-ebda mod issib leżjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

L-intervenuta fil-kawża, is-**Soċjeta' assikuratriċi Elmo Insurance Limited** tibda biex tgħid li l-kunċett legali tar-riżarċiment tad-danni huwa bbażat fuq indenniż li jirrifletti l-prinċipju tar-*restitutio ad integrum* u ċioe' id-dritt kardinali li d-danneġġjat huwa intitolat għal riżarċiment li jirrientegra l-partimonju tiegħu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuż.

Tispjega li l-liġi ma tgħid xejn dwar il-perjodu li għandu jiġi applikat il-multiplier u kien propju għall-raġunijiet prattiċi li nħolqot is-sistema addottata fil-kawża **Butler vs Heard**. Fir-rigward tal-allegata lanjanza tar-rikorrenti tinsisti li l-ewwelnett, il-Qorti mhijiex legalment u statutorjament kostretta timxi mad-dettami tas-sentenza ċitata[12]. It-tieninett, il-kumpens tal-*lucrum cessans* m'għandux ikun limitat għal eżerċizzju matematiku. Oltre' minn hekk, tgħid kif anke l-Qrati stess rrikonoxxew ċertu difetti fil-metodoloġija applikata u qabblu li kien il-ħtieġa li tali metodoloġija tiġi aġġornata u effettivament immodifikawha. In sosten tal-argumenti tagħha, telenka numru ta' deċiżjonijiet.[13] Oltre' minn hekk telenka numru ta' sentenzi fejn il-kumpens li

[12] Ara **Carmelo Muscat vs Francis Schembri** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Jannar 1972.
[13] **George Grech et vs Direttur tat-Toroq et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju 2009, **Joseph Zammit vs Joseph Bonello** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Frar 2016, **Catherine Mifsud vs Josef Vella** deċiża mill-Prim'Awla

ngħata lil vittmi li kienu laħqu u skorrew l-eta' pensjonabbli[14], u ssostni li jidher biċ-ċar li l-kriterji llum applikabbli ma jieqfux mal-eta' pensjonabbli iżda jirriflettu l-aktar metodu ġust u ekwu sabiex id-danneġġjat jiġi kkumpensat għat-telf effettiv skont iċ-ċirkostanzi li jkun jinsab fih.

Tispjega li huwa ferma improbabbli li f'azzjoni għar-riżarċiment tad-danni jinkiseb kumpens assolut[15] u għalhekk hija d-diskrezzjoni ġuridika li tippermetti u tiggarantixxi li danneġġjat tassew jerġa' jitqiegħed fis-sitwazzjoni finanzjarja li kien qabel l-event dannuż u huwa għalhekk li b'referenza tad-deċiżjoni fl-ismijiet **Louis Spiteri et vs Citadel Insurance plc** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 t'Ottubru 2018, li tgħid li l-Qrati jinsistu dwar trasparenza fil-metodoloġija u jiskoraġixxu li l-likwidazzjoni tad-danni ssir esklussivament b'mod arbitrarju.

Issostni li bl-applikazzjoni tal-metdoloġija adoperata għal-likwidazzjoni ta' danni ma jirriżultax li persuna f'sitwazzjonijiet ugwali ġew trattati b'mod differenti. Tinsisti li l-Qrati kienu ferm sensittivi u proattivi f'dan ir-rigward u addattaw il-formola ta' **Butler vs Heard** tul is-snin sabiex danneġġjat ta' eta' avvanzata ma jkunx limitat b'*multiplier* riġidu sal-eta' pensjonabbli, iżda li jieħu konsiderazzjoni tal-prospettivi lavorattivi tad-danneġġjat sabiex jiġi ndennizzat għat-telf effettiv minnu mġarrab. Issostni li kieku l-eta' tad-danneġġjat ma tiffigurax tkun qed tinħoloq inġustizzja lampanti ma' min ikun ta' eta' żgħira. B'hekk tissottometti li ma tirriżulta ebda diskriminazzjoni.

Tissottometti li r-rikorrenti intavolaw il-proċeduri odjerni mingħajr ma għamlu studju bażiku tas-sistemi legali li fuqhom huma msejjsa l-liġijiet ċivili; mingħajr ma kkunsidraw li l-kunċett ta' riżerċiment tad-danni isib il-qofol tiegħu fil-prinċipju ta' *restitutio ad integrum*; mingħajr ma ressqu prova tat-telf effettiv u l-mod kif ġew iddiskriminati mill-Qorti; mingħajr ma' kkunsidraw kif maż-żmien il-metodoloġija ta' **Butler vs Heard** evolviet, mingħajr ma ressqu prova konkreta ta' kif tali metodoloġija effettivament tiddiskrimina kontra danneġġjati ta' eta' avvanzata u mingħajr ma' kkunsidraw li l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jipprovdi kontra diskriminazzjoni fil-liġi u mhux fi prinċipju ġurisprudenzjali.

Għalhekk issostni li bl-ebda mod ma tirriżulta d-diskriminazzjoni allegata mir-rikorrenti.

Fit-**trattazzjoni** tagħha tgħid li ma hemm l-ebda diskriminazzjoni jekk hemm aċċettazzjoni illi l-prinċipju ta' *restituzione in integrum* għandu jiġi applikat.

---

tal-Qorti Ċivili fid-9 t'April 2018, **Carmel Debrincat vs Kemmuna Limited** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2017, u **David Farrugia vs George Sammut** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2004.

[14] **Alfred Zammit vs Anthony Grima** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Lulju 2018, **Alfred Attard vs Carmel Grima** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Lulju 2010, **Sylvia Rosso vs Etienne Galea** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 t'April 2013, **Paul Saliba vs Dr Michael Portelli** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Novembru 2024.

[15] Ara **Louis Vincenti noe et vs Camelo Micallef** deċiża fis-17 ta' Ġunju 1961

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-ewwel talba tar-rikorrenti hija sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-fatti premessi jagħtu lok għal vjolazzjoni tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-**Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** jipprovdi testwalment hekk:

> ***45***.*(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu, ebda liġi ma għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha.*
>
> *(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u (8) ta' dan l-artikolu, ħadd ma għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xiawtorità pubblika.*
>
> *(3) F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta'deskrizzjoni oħra bħal dawn.*

L-Avukat tal-Istat jinsisti li dan l-artikolu huwa inapplikabbli għall-każ odjern stante li l-lanjanza ta-rikorrenti ma tinkwadrax ruħha taħt xi waħda mill-kapijiet indikati fl-istess Artikolu 45. Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi primarjament sabiex tikkunsidra din l-eċċezzjoni.

Il-Qorti tosserva l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Catherine Curmi vs Avukat tal-Istat et** deċiża fit-22 ta' Ġunju 2023, fejn il-Qorti sabet li:

> *Fir-rigward tal-ilment a bazi tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni il-Qorti tqis illi huma fondati l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fis-sens illi d-diskriminazzjoni ilmentata mill-attrici m'hijiex ibbazata fuq wahda mir-ragunijiet projbiti mill-Kostituzzjoni. Skont l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni m'hijiex kull tip ta' diskriminazzjoni li hija projbita izda biss dik id-diskriminazzjoni "…attribwibbli ghal kollox jew*

> *principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skont ir-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi, sess,orjentazzjoni sesswali jew identità tal-generu…"* ***Peress illi ma jirrizultax illi l-ilment dwar diskriminazzjoni f'dan il-kaz qed isir taht xi wiehed mill-irjus elenkati b'mod ezawrijenti fil-ligi, dan l-ilment huwa wkoll insostenibbli.***[16]

Kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Juan Miguel sive Miguel Xuereb et vs. L-Avukat tal-Istat** deċiża fid-9 ta' Ottubru 2023, fejn il-Qorti waslet għas-segwenti konklużjoni:

> *41. Fir-rigward tal-ilment a bażi tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, l-Qorti tqis illi skont l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni hija projbita dik id-diskriminazzjoni attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru.* ***Peress illi ma jirriżultax illi l-ilment dwar diskriminazzjoni f'dan il-każ qed isir taħt xi wieħed mill-irjus elenkati b'mod eżawrijenti fil-liġi, dan l-ilment huwa insostenibbli.*** [17]*Għaldaqstant l-ilmenti tar-rikorrenti abbażi tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea qiegħdin jiġu miċħuda.*

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern jirriżulta li fil-mori tal-proċeduri, ir-rikorrenti ma ġabu ebda prova li turi li l-lanjanza tagħhom hija bbażata fuq xi waħda mill-irjus elenkati fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Anzi huwa għal kollox ċar u inekwivoku li l-bażi tal-allegata diskriminazzjoni tar-rikorrenti hija l-eta' – li mhix fil-lista elenkata fl-Artikolu appena ċċitat.

Isegwi għalhekk li bl-ebda mod ma jista' jingħad li l-allegata diskriminazzjoni tista' tiġi kklassifikata taħt waħda mill-kawżali tal-Artikolu 45 u **b'hekk din il-Qorti ser tkun qed tiċħad it-talba tar-rikorrenti f'dan ir-rigward.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-**Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi testwalment hekk:

> *It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni*

---

[16] Emfażi tal-Qorti
[17] Emfazi tal-Qorti

*bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor.*

Fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat isostni li l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jista' jiġi nvokat biss b'suċċess konġuntivament ma' artikolu ieħor tal-Konvenzjoni u għalhekk la darba r-rikorrenti naqqsu milli jallaċjaw l-Artikolu 14 ma' xi dritt ieħor naxxenti mill-istess Konvenzjoni jrendi t-talba tagħhom insostenibbli.

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Formosa Mark vs. L-Avukat Ġenerali** deċiża fil-31 ta' Mejju 2023[18] fejn il-Qorti waslet għas-segwenti konklużżjoni:

*Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea m'għandux eżistenza awtonoma, iżda huwa kumplimentari għad-drittijiet l-oħra protetti mill-istess Konvenzjoni. Għalhekk mhuwiex proponibbli lment ibbażat biss fuq l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, peress li tali lment jista' jsir biss jekk jiġi abbinat ma' xi dritt ieħor sanċit mill-Konvenzjoni. Fil-fatt, dan l-artikolu nnifsu jipprovdi illi l-projbizzjoni ta' agir jew trattament diskriminatorju kontemplata f'dan l-artikolu tirrigwarda l-garanzija tat-"tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni.". Kif ġie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet* ***Molla Sali v. Greece*** *(QEDB, 19/12/2018):*

> *"The Court has consistently held that Article 14 of the Convention complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols thereto. Article 14 has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded thereby. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of them. The prohibition of discrimination enshrined in Article 14 thus extends beyond the enjoyment of the rights and freedoms which the Convention and the Protocols thereto require each State to guarantee."*

---

[18] Liema insenjament ġie kkonfermat ukoll fid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Ryan Refalo vs l-Avukat tal-Istat** deċiża fit-12 ta' Lulju 2023.

> *26. Għalhekk, ġaladarba l-attur naqas milli jabbina dan l-ilment ma' xi dritt jew libertà oħra kontemplata fl-istess Konvenzjoni, l-ilment tal-attur a bażi tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni huwa inammissibli u m'hemmx lok li din il-Qorti tidħol fi kwistjonijiet li jolqtu l-mertu ta' dan l-ilment*

Il-Qorti m'għandha xi żżid xejn ma' dan l-insenjament ħlief li tagħmlu tagħha u **b'hekk din il-Qorti ser tkun qed tiċħad it-talba tar-rikorrent anke f'dan ir-rigward.**

**GĦALDAQSTANT**, għal dawn il-motivi u wara illi l-Qorti kkunsidrat il-provi kollha mressqa u s-sottomissjonijiet kollha magħmula, qegħda, konformement ma' dak hawn fuq deċiż, tgħaddi biex tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi **tiċħad l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat**, **tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet** u konsegwentament **tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti**.

**In vista tan-natura tal-każ, il-Qorti tordna illi kull parti għandha tbati l-ispejjeż ġudizzjarji spettanti lilha.**

**Finalment, in vista tas-sottomissjonijiet riċerkati li saru minn kull parti, li l-Qorti tqishom ta' valur akkademiku tajjeb ħafna u li jħallu lill-esperti legali b'ħafna x'jistgħu jixtarru u jikkontemplaw, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Ġustizzja u r-Riforma fis-Settur tal-Kostruzzjoni sabiex din tingħadda lill-Grupp ta' ħidma għar-reviżjoni tal-Kodiċi Ċivili mwaqqaf f'Diċembru li għadda, bil-għan illi dan il-Grupp jara jidhirlux illi, fil-mansjoni lilu mogħtija, għandux x'jittratta u x'jirrakkomanda f'dak li tgħid il-liġi ċivili dwar dannu u kumpens.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**